# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ġunju 2015

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex l-immigranti u r-refuġjati jsibu min jilqagħhom u jirrispettahom fil-pajjiżi li jaslu fihom.**

## Ninġabar:

Insib pożizzjoni komda. Bil-mod il-mod nieħu n-nifs 'il ġewwa u mbagħad nitfgħu 'l barra. Nagħraf il-preżenza ta' Alla li jħares lejja b'għajnejn ta' mħabba. Alla jħobbni dejjem, hu x'inhu l-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, ir-razza, il-kultura jew in-nazzjonalità tiegħi. L-imħabba tiegħu ma tistenna xejn lura. Noqgħod għal ftit mumenti fil-preżenza tal-imħabba tiegħu...

## Fatt ċkejken:



Ali, ċittadin ta' klassi medja mis-Sudan, suldat ta' 27 sena, kien jaqla' biżżejjed biex iżomm il-familja tiegħu sejra. Martu kienet minn familja ta' grupp etniku ieħor, ħaġa komuni f'dawk l-inħawi. Issa darba fost l-oħrajn, ir-reġim ordna lit-truppa, li kien parti minnha Ali, biex jisparaw fuq it-tribù diġà msemmi, jiġifieri lil niesu stess. Ali ma obdiex, ħarab minn pajjiżu u ħalla l-familja tiegħu warajh. Qasam id-deżert u l-Mediterran sakemm wasal Malta. Qatta' tmintax-il xahar maqful f'detenzjoni sakemm ingħata ażil politiku. Wara ħafna tentattivi sab xogħol fl-industrija tal-kostruzzjoni. Kien se jtir bil-ferħ għax seta' jibgħat xi ħaġa tal-flus id-dar. Iżda, għalkemm fil-post tax-xogħol huwa għal qalbu ħafna u l-kollegi jirrispettaw it-twemmin Musulman tiegħu, moħħu dejjem iberren fuq il-familja tiegħu. Tgħid martu u ż-żewġ uliedu se jpattuha qares talli hu ħarab minn suldat? L-uniku xewqa tiegħu hija li l-familja tiegħu terġa' tingħaqad flimkien f'Malta jew f'xi pajjiż ieħor Ewropew.

## Naħseb ftit:

Tgħid inkun kuraġġjuż biżżejjed li nħalli kollox warajja, biex inżomm mal-prinċipji tiegħi?

Ġieli sibt ruħi ma nistax nagħmel mod ieħor ħlief li naħrab minn dik is-sitwazzjoni? Sibt min jgħinni u jifhimni?

Kif kien iħossu Ali li kieku ma ngħatax xogħol u li kieku twemminu ma kienx rispettat?

## Nitlob:

Mulej nitolbu għal dawn li huma rifuġjati/ immigranti. Għinhom biex isibu nies li jaċċettawhom u li jwieżnuhom. Tħallix li naraw ir-refuġjati bħala theddida imma li jarrikkixxu lil ħajjitna. Agħmel li nagħrfu dawk l-affarijiet li jagħmluna refuġjati f'ħajjitna u agħmel li nitgħallmu nagħtu l-kenn lil xulxin.

## Kliem ta' dawl:

"Li tkun ħieles ma tfissirx biss li tneħħi l-ktajjen tiegħek imma li tgħix b'mod li tirrispetta u ttejjeb il-libertà ta' ħaddieħor." *Nelson Mandela*

## X'nista' nagħmel:

Matul dan ix-xahar inpoġġi lili nnifsek fiż-żarbun tar-refuġjati/ immigranti u naħseb fir-raġunijiet li jġagħluhom iħallu pajjiżhom. Nipprova ma ngħaddix ġudizzju u nħajjar lil ħaddieħor jagħmel l-istess.

Naħseb ukoll f'dawk l-affarijiet li jagħmluni refuġjat f'ħajti, jiġifieri li jnaqqsuli il-liberta' tiegħi u nitlob lil Alla biex jgħinni nissuperahom.